



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 14 ta' Jannar 2013
(OR. en)**

5291/13

FIN 20

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Jannar 2013
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2012) 797 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Is-sistema tal-Iskejje Ewropej fl-2011

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż dokument tal-Kummissjoni COM(2012) 797 final.

Mehmuż: COM(2012) 797 final



Brussell, 9.1.2013
COM(2012) 797 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Is-sistema tal-Iskejjel Ewropej fl-2011

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Is-sitwazzjoni fl-iskejjel	4
2.1.	Alicante	4
2.2.	Bergen	4
2.3.	Brussell.....	4
2.4.	Culham	5
2.5.	Frankfurt.....	5
2.6.	Karlsruhe	5
2.7.	Lussemburgu	5
2.8.	Mol	6
2.9.	Munich	6
2.10.	Varese.....	6
3.	Evoluzzjoni baġitarja u sfidi	6
4.	Żviluppi politiċi u sfidi.....	8
4.1.	Il-ftuħ tas-sistema - l-iskejjel akkreditati	8
4.2.	Reviżjoni tal-iskala ta' rimunerazzjonijiet tal-ġhalliema sekondati/inkarigati mill-korsijiet.....	9
4.3.	Popolazzjoni eċċessiva / infrastrutturi	9
4.4.	Il-qsim tal-ispejjeż bejn l-Istati Membri	10
4.5.	Tilwim.....	10
5.	Evoluzzjoni pedagoġika u organizzattiva	11
5.1.	Ir-riforma tal-baċċellerat Ewropew.....	11
5.2.	Azzjonijiet favur studenti bi bżonnijiet speċjali (SEN)	11
5.3.	Organizzazzjoni ta' korsijiet u struttura tal-istudji.....	11
6.	Sfidi għall-futur.....	12

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Is-sistema tal-Iskejjel Ewropej fl-2011

1. INTRODUZZJONI

Is-sistema tal-Iskejjel Ewropej (EE) kompliet tiffunzjona f'kuntest ekonomiku u baġitarju diffiċli fl-Ewropa, li wassalha biex tikkontrolla l-infiq tagħha filwaqt li żżomm il-kwalità tat-tagħlim tagħha.

F'April 2010, il-Kunsill superjuri tal-Iskejjel Ewropej (CSEE) approva l-baġit għall-2011 tal-EE b'kontribuzzjoni tal-UE ta' 11 % aktar meta mqabbla mas-sena ta' qabel, b'mod partikolari l-bidla fl-għadd ta' studenti (+2,6 %) Is-CSEE aċċettat dan il-baġit fuq kundizzjoni li l-miżuri jittieħdu mill-EE sabiex tikkontrolla aħjar il-bidla tal-baġit fil-futur.

Wara dibattiti bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, il-baġit globali tal-UE għall-2011 ġie adottat b'kontribuzzjoni lill-EE ta' EUR 164 miljun. Għalkemm dan il-baġit kien inferjuri għal dak korrispondenti għall-baġit tal-EE adottat mis-CSEE, din il-kontribuzzjoni baqgħet superjuri għal dik tal-2010 li kienet ta' EUR 154 miljun.

Id-deċiżjoni tal-Parlament u tal-Kunsill li jaġġustaw il-baġit mitlub mill-Kummissjoni¹ għall-EE obbliga lill-EE biex jieħdu miżuri ekonomiċi b'urġenza, li jaqjmu bosta reazzjonijiet b'mod partikolari min-naħa tal-Assoċjazzjonijiet tal-ġenituri tal-EE u tal-Kumitat tal-persunal. Il-Kummissjoni stqarret li hija favur dawn il-miżuri sakem dawn ma jfjixklux il-prinċipji fundamentali tal-korsijiet tal-iskola tal-EE inkwistjoni.

F'April 2011, ġew adottati deċiżjonijiet importanti ta' razzjonalizzazzjoni mis-CSEE.

Barra minn hekk, iż-żieda kontinwa tal-għadd ta' studenti flimkien mad-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom ċerti Stati Membri biex iwettqu l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-infrastruttura u s-sekondar tal-għalliema ppreżentaw sfidi għas-sistema tal-EE.

¹ Is-sitwazzjoni prevista fir-Regolament finanzjarju tal-EE (id-Dokument 2011-07-D-17-fr-3 ippubblikat fuq il-websajt tal-EE : http://www.eursc.eu/fichiers/contenu_fichiers1/577/2011-07-D-17-fr-3.pdf)

2. IS-SITWAZZJONI FL-ISKEJJEL

Il-popolazzjoni globali tal-iskejjel fl-14-il EE qiegħda tizzied b'mod kostanti, l-għadd ta' studenti għadda, minn 22,778 fl-2010 għal 23,367 fl-2011. Il-maġġoranza (63 %) tal-istudenti tal-SEE huma studenti fl-EE ta' Brussell (44 %) u tal-Lussemburgu (19 %). L-istudenti tal-kategorija 1² - li prinċipalment huma tfal tal-persunal tal-UE u tal-EE, u tal-Uffiċċju Ewropew tal-Brevetti għall-EE ta' Munich - jirrappreżentaw 74 % (17,396) tal-popolazzjoni tal-istudenti, iżda ċerti EE żgħar għandhom għadd żgħir ħafna ta' studenti ta' din il-kategorija. L-għadd ta' studenti tal-kategorija 2³ jirrappreżenta 5,12 % tal-popolazzjoni tal-istudenti u esperjenza l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika għaliex ġew konklużi inqas ftehimiet mal-EE għall-istudenti ta' din il-kategorija. Finalment, il-kategorija 3⁴ magħmula minn studenti li l-ġenituri tagħhom jridu jħallsu miżata tal-iskola għandha 4774 student (20%).

2.1. Alicante

Il-popolazzjoni tal-istudenti tal-iskola ta' Alicante hija stabbli b'1034 student fis-sena skolastika tal-2011, li minnhom 48 % tal-istudenti tal-kategorija 1, li huma prinċipalment tfal tal-persunal tal-OHIM (Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern). Kif jiġri ta' spiss fl-iskejjel Ewropej, hija t-taqsimha tal-lingwa tal-pajjiż li jospita li jkollha l-aktar studenti. Fil-każ partikolari, it-taqsimha Spanjola tirrappreżenta 37 % tal-għadd totali.

2.2. Bergen

L-għadd ta' studenti tal-iskola ta' Bergen naqas bi ftit biex għadda minn 608 studenti fl-2010/2011 għal 581 student fl-2011/2012 b'109 studenti (18 %) tal-kategorija 1, u 472 student (81 %) tal-kategorija 3.

Ix-xogħlijiet tal-infrastruttura saru fl-2011, b'mod partikolari r-rinovazzjoni tas-sala tal-isport u tas-sistema tal-klimatizzazzjoni.

2.3. Brussell

Is-sitwazzjoni ta' popolazzjoni eċċessiva kompliet tigrava fl-EE ta' Brussell. Iż-żieda fl-għadd ta' talbiet għar-reġistrazzjonijiet fl-4 EE ta' Brussell żdied minn 9847 fl-2010/2011 għal 10,285 fis-sena skolastika 2011/2012.

L-EE ta' Brussell I irregiſtrat żieda ta' madwar sittin student bejn is-sena 2010/2011 u l-2011/2012, biex żdiedet minn 3074 għal 3131 student. Waħda mill-prijoritajiet tal-EE tibqa' t-titjib kontinwu tas-sigurtà (sistema ta' badges, sorveljanza bil-vidjow) fir-rigward tad-daqs tal-campus u ta' 14-il binja separata.

L-EE ta' Brussell II bħalissa hija l-aktar waħda li għandha studenti mill-4 EE ta' Brussell, bi 3176 student fis-sena skolastika 2011/2012. Dan l-għadd għoli ta' studenti jippreżenta sfidi organizzattivi ta' kuljum. Ix-xogħlijiet għall-parkeġġ il-ġdid ta' tal-linja tnedew u se jinfetħu ufficialment fl-2012, u dan se jippermetti titjib fis-sigurtà fil-grawnd tal-logħob tat-tfal fejn bħalissa jieqfu madwar ħamsin tal-linja tal-iskola darbejn kuljum.

² Ir-regoli tad-dħul fl-EE huma indikati fil-Ġabra tad-deċizzjonijiet tas-CS tal-EE, il-Kapitolu XII (dokument ippubblikat fuq il-websajt tal-EE: http://www.eursc.eu/fichiers/contenu_fichiers1/1794/2011-04-D-4-fr-1.pdf)

³ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 2

⁴ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 2

Il-popolazzjoni tal-iskola tal-EE ta' Brussell III żdiedet ukoll u telgħet għal 2919-il student fis-sena skolastika 2011. Bħalma huwa l-każ fi Brussell I u II, il-popolazzjoni eċċessiva tal-istudenti għib magħha diffikultajiet prattiċi tal-użu tal-partijiet komuni.

L-EE ta' Brussell IV xorta irregjistrat żieda importanti fl-għadd ta' studenti (31 %), minn 809 għal 1059 student. L-iskarsezza prevista tal-lokalitajiet fuq is-sit temporanju ta' Berkendael, għe installat bini prefabrikat biex jilqa' 7 klassijiet addizzjonali.

2.4. Culham

Wara d-deċiżjoni tas-CSEE ta' April 2007, l-EE ta' Culham se jagħlaq bil-mod il-mod minn issa sal-2017 minħabba r-rilokazzjoni tal-Joint European Torus (JET) għal Cadarache (Franza). Għaldaqstant, fis-sena skolastika 2011, ma fetħet ebda klassi tat-trabi għdida.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet Brittaniċi ppreżentaw proġett għdid biex jifih u skola nazzjonali ("free school") fil-post, li tissostitwixxi l-proġett li kien previst inizjalment ta' "Academy". It-tnedija tal-"free school" hija prevista għal Settembru 2012 bil-ftuħ bil-mod il-mod ta' klassijiet għodda meta dawn ma jibqgħux disponibbli fl-iskola Ewropea.

L-EE u l-"free school" il-għdida se jaqsmu s-sit ta' Culham sa Ġunju 2017. L-aspetti pedagoġiċi, amministrattivi u finanzjarji se jkunu differenti ħafna iżda dawn għandhom jaqsmu l-infrastrutturi u l-ispejjeż tat-tmexxija marbuta mas-sit. Il-Kummissjoni tappoġġja dan il-proġett li se jippermetti li l-ħajja skolari tkompli fis-sit ta' Culham wara l-2017.

2.5. Frankfurt

B'żieda ta' madwar 5 % meta mqabbla mas-sena ta' qabel, il-popolazzjoni tal-istudenti tal-EE ta' Frankfurt għandha wara mir-rati ta' tkabbir l-aktar għolja fir-rigward taż-żieda tal-persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew. F'Settembru 2011, 1136 student inkitbu f'din l-EE, li minnhom 780 student kienu tal-kategorija 1. Din l-iskola għandha popolazzjoni eċċessiva u ntalbu infrastrutturi addizzjonali lill-awtoritajiet Ġermaniżi. Dawn għandhom ma ċċarawx jekk il-prezz se jkunx assigurat mil-Land de Hesse jew mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin. Barra minn hekk l-iskola tipprepara għall-2012 u ċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mal-10 anniversarju mit-twaqqif tagħha.

2.6. Karlsruhe

L-għadd ta' studenti reġistrati fl-EE ta' Karlsruhe qiegħed kulma jmur jonqos wara xi snin, minn 979 fl-2008 għal 933 f'Settembru 2011, b'173 student (18,5 %) tal-kategorija 1, 267 student tal-kategorija 2 u aktar min-nofs (493) tal-kategorija 3.

Din l-iskola turi eżempju ta' kofinanzjament lokali u tirċievi sussidju mill-belt ta' Karlsruhe (EUR 165 000 fl-2011) użati għall-postazzjoni ta' ekonomija u ta' għajnuna tal-municipalitá li jaħdmu fl-EE. L-istat federali ta' Bade-Wurtemberg jappoġġja wkoll finanzjarjament l-iskola u ttrasferilha EUR 732 200 fl-2011.

2.7. Lussemburgu

L-EE tal-Lussemburgu I tinsab fil-Lussemburgu-Kirchberg u llum tilqa' fil-post tagħha l-EE tal-Lussemburgu II li se tiġi rilokata b'mod permanenti f'Bertrange/Mamer fis-sena skolastika 2012/2013.

Fl-2011, b'madwar 4500 student reġistrati (3579 fil-Lussemburgu I u 957 fil-Lussemburgu II) il-post kien ikkonfrontat b'sitwazzjoni ta' popolazzjoni eċċessiva, li wassal għal politika ta' reġistrazzjoni ristretta għat-tfal li l-ġenituri tagħhom mhumiex parti mill-persunal tal-UE.

L-awtoritajiet Lussemburgiżi jagħmlu sforzi importanti biex jiffaċilitaw it-trasport tal-istudenti. Parti mit-trasport huwa organizzat mill-awtoritajiet Lussemburgiżi u l-iskola u parti minnu mill-assoċjazzjoni tat-Trasport tal-Istudenti tal-EE tal-Lussemburgu I (ATSEE). Barra minn hekk, ġie żviluppat pjan ta' mobilità għall-iskola tal-Lussemburgu II f'Bertrange/Mamer b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet Lussemburgiżi. It-tnejniet għall-ftuħ fl-2012 tal-Lussemburgu II fil-post permanenti f'Mamer jinsabu għaddejin.

2.8. Mol

L-għadd ta' studenti tal-EE f'Mol huwa pjuttost stabbli b'767 student fis-sena skolastika 2011/2012, li minnhom 614 (80 %) jappartjenu għall-kategorija 3, u 138 (18 %) għall-kategorija 1. Dawn huma t-taqsimiet Olandiżi u Anglofoni li fihom l-aktar studenti. It-taqsimi Ġermaniżi min-naħa l-oħra għandha biss 72 student f'livelli mħaltin.

2.9. Munich

Il-popolazzjoni tal-istudenti tal-EE ta' Munich tippreżenta rata ta' tkabbir importanti wara bosta snin minħabba ż-żieda fil-persunal tal-Uffiċċju Ewropew tal-Brevetti li t-tfal tagħhom jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-istudenti. Fi Munich qed tkompli tiġi applikata politika ta' reġistrazzjoni restrittiva sakemm titlesta l-estensjoni tal-iskola, prevista għall-2016.

2.10. Varese

B'1366 student fis-sena skolastika 2011/2012, il-popolazzjoni tal-istudenti f'din l-iskola baqa' stabbli. Ftit aktar min-nofs tal-istudenti jagħmlu parti mill-kategorija 1. L-għadd ta' studenti tal-kategorija 2 naqas bejn l-2008 (235) u l-2011 (177) minħabba ċ-ċiklu ekonomiku.

It-trasferiment ta' EUR 400 000 imħabbar mill-awtoritajiet Taljani favur l-iskola biex jiffinanzjaw infrastrutturi addizzjonali mhux dejjem sar, minkejja l-konferma tar-rappreżentant permanenti tal-Italja għall-UE lill-Viċi-President Šefčovič.

Fl-2011 l-iskola ta' Varese ċelebrat il-50 anniversarju mill-ftuħ tagħha.


3. EVOLUZZJONI BAĠITARJA U SFIDI

L-għadd ta' studenti reġistrati fis-sistema tal-EE żdied bi 2,6 % bejn l-2010 u l-2011, minn 22,778 għal 23,367. L-għadd ta' 17,396, l-istudenti tal-kategorija 1 jirrappreżentaw kważi 75 % tal-popolazzjoni totali tal-istudenti. Bi ftit aktar minn 5 % tal-għadd, il-kategorija 2 kienet soġġetta għall-kriżi ekonomika (ġew konklużi inqas ftehimiet mal-EE). Finalment il-kategorija 3 għandha total ta' 4774 student, jiġifieri ftit aktar minn 20 %.


In-nefqa medja annwali għal kull student għall-EE kollha fl-2011 kienet ta' 11.918€. Is-sitwazzjoni ekonomika gābet magħha tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tal-EM, uħud jissekondaw inqas għalliema. Barra minn hekk, fis-sena skolastika 2011, 88 impjieg ta' għalliema sekondati ma ġewx mimlija mill-EM, u dan jirrappreżenta 24 impjieg aktar mis-sena ta' qabel. Konsegwenza ta' dan, il-parti tas-sussidju tal-baġit Ewropew għall-EE żdied.

Il-kontribuzzjonijiet baġitarji (minbarra l-bilanċi favorevoli rappurtati u l-użu ta' fond ta' riżerva):

2011 (total : 275.318.397€):



2010 (total: 265.383.975€):



L-abbozz tal-baġit 2011 b'ammont ta' EUR 171 miljun, appoġġat mill-Kummissjoni, ġie adottat mis-CSEE f'April 2010. Madankollu, l-approvazzjoni ta' dan l-ammont mis-CSEE kienet kundizzjonata mit-twaqqif ta' miżuri ta' ekonomija bħar-reviżjoni tat-tabella ta' salarji tal-persunal sekondat tal-EE, ir-riorganizzazzjoni tal-korsijiet u l-għażliet, il-kjarifika tal-użu ta' fondi għall-istudenti SEN ("*special educational needs*"). Il-Kummissjoni inkludiet dan l-ammont ta' EUR 171 miljun fl-abbozz tal-baġit mogħti lill-awtorità baġitarja (il-Kunsill u l-Parlament Ewropew).

F'Diċembru 2010, l-awtorità baġitarja stabbilixxiet l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-baġit Ewropew għall-2011 għal EUR 164 miljun. Il-Kummissjoni wissiet lis-Segretarjat Ġenerali tal-EE u talbet lill-EE biex jieħdu miżuri ekonomiċi ta' emerġenza sabiex jirrispettaw il-qafas baġitarju. Fil-bidu tal-2011, waqt kumitati tat-tmexxija, hija wkoll talbet lill-EE biex tindika l-ekonomiji konkreti li setgħet timplimenta. F'April 2011, is-CSEE adotta deċiżjonijiet importanti ta' razjonalizzazzjoni b'mod partikolari dwar l-istudji u l-korsijiet, kif ukoll l-organizzazzjoni interna - pereżempju t-tnaqqis ta' perjodi ta' kwittanza għall-koordinaturi ta' orjentazzjoni professjonali, ir-reviżjoni tal-metodu ta' kalkolu għaż-żmien ta' koordinazzjoni mogħti għall-għajnuna għat-tagħlim, għall-istudenti bi bżonnijiet speċifiċi (SEN), għall-istudenti SWALS⁵. It-tabella tas-salarji tal-għalliema u ta' dawk responsabbli mill-korsijiet tal-EE ġiet riveduta wkoll sabiex tkun allinjata ma' dik tal-istatut tal-uffiċjali Ewropej applikabbli wara r-riforma tal-2004.

4. ŻVILUPPI POLITIĊI U SFIDI

4.1. Il-ftuħ tas-sistema - l-iskejjel akkreditati

Il-ftuħ tas-sistema tal-EE għas-sistemi nazzjonali hija waħda mill-aspetti prinċipali tar-riforma adottata mis-CS tal-EE f'April 2009 fi Stokkolma. Dan il-ftuħ jikkonsisti mill-akkreditazzjoni tal-iskejjel nazzjonali sabiex ikunu jistgħu joffru tagħlim Ewropew u jwasslu għall-baċċellerat Ewropew. Dawn l-EE imsejħa tat-tip II (EET2) jippermettu li t-tfal tal-personal tal-UE jmorru skola abbażi ta' siti tal-UE fejn ma hemmx EE. Dawn l-iskejjel akkreditati ffinanzjati fil-qasam tas-sistema nazzjonali jistgħu jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE prorata għall-għadd ta' tfal tal-personal tal-Unjoni li għandhom it-tfal imorru l-iskola. Fit-8/12/2010, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar l-għotja tal-kontribuzzjoni tal-UE.

It-talba ta' akkreditazzjoni ta' stabbiliment skolastiku ssir abbażi ta' inizjattiva tal-Istati Membri. Il-proċedura ta' akkreditazzjoni twassal għall-firma ta' konvenzjoni bejn ir-rappreżentat legali tal-istabbiliment u s-Segretarjat Ġenerali tal-EE li jirrappreżenta lill-Kunsill superjuri tal-EE.

Mis-sitt skejjel nazzjonali approvati mis-CSEE, ħamsa minnhom iffirmaw ftehim ta' kontribuzzjoni fl-2011 u rċewew l-ewwel trasferiment tal-Kummissjoni għas-snin skolatiċi 2009/2010, 2010/2011, u 2011/2012. L-ammont tal-kontribuzzjoni tal-UE għal dawn it-tliet snin skolastiċi huwa ta' EUR 7 419 967.

Is-sitt skejjel akkreditati huma: "Scuola per l'Europa" f'Parma (l-Italja), li tinsab qrib l-Aġenzija EFSA (Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel); is-"Centre for European Schooling" f'Dunshaughlin (l-Irlanda), li jinsaq qrib l-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju tal-Kummissjoni; l-"iSchool of European Education" f'Héraklion (il-Greċja), li tinsab qrib l-Aġenzija ENISA (Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infurmazzjoni); il-"European Schooling" f'Helsinki (il-Finlandja), li tinsab qrib l-Aġenzija ECHA (Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi) l-Iskola Ewropea ta' Strasburgu" (Franza), li tinsab qrib l-istituzzjonijiet Ewropej (il-Parlament Ewropew u l-Medjatur); u fl-aħħar l-Iskola Internazzjonali Provence-Alpes-Côte d'Azur" f'Manosque (Franza), li tinsab qrib iċ-Ċentru tar-Riċerka ITER f'Cadarache.

⁵ SWALS: studenti mingħajr taqsima lingwistika, ġeneralment miktuba f'waħda mit-taqsimiet ta' lingwa funzjonali

Tliet skejjel oħra huma fil-proċess ta' approvazzjoni : l-iskola tat-tagħlim Ewropew ta' **La Haye** (il-Pajjiżi l-Baxxi), li l-ftuħ tagħha huwa previt f'Awwissu 2012 ; Tallinn European Schooling (l-Estonja) ; il-“European School of Copenhagen” (id-Danimarka).

Barra minn hekk, il-ftuħ ta' sistema li tippermetti wkoll, fil-qafas ta' proġett pilota, li tagħti approvazzjoni għal stabbilimenti skolastiċi li t-fal tal-persunal tal-UE ma jattendux skola, iżda jsegwu l-korsijiet Ewropej u għal dan il-għan isiru EE imsejħa tat-tip III. Il-Ġermanja ppreżentat dossier għal stabbiliment skolastiku li se jiftaħ f'Settembru 2012 f'Bad Vilbel.

4.2. Reviżjoni tal-iskala ta' rimunerazzjonijiet tal-għalliema sekondati/inkarigati mill-korsijiet

L-istatut tal-persunal sekondat għall-EE jsegwi ċertu parallelliżmu ma' dak tal-persunal tal-istituzzjonijiet Ewropej. Wara r-riforma tal-istatut tal-persunal tal-UE fl-2004, u b'mod partikolari r-reviżjoni tat-tabella ta' salarji bażiċi, dik tal-persunal sekondat quddiem l-EE għaldaqstant ma ġietx adattata. Is-CS tal-EE għaldaqstant adottat reviżjoni tat-tabella tas-salarji f'Diċembru 2010 biex tkun konformi ma' dik tal-Istatut tal-UE.

Dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda japplikaw għal persuni li daħlu fis-sistema tal-Iskejjel Ewropej mill-1/09/2011. L-istatut tal-persunal sekondat quddiem l-Iskejjel Ewropej ġie emendat konsegwenza ta' dan.

4.3. Popolazzjoni eċċessiva / infrastrutturi

Iż-żieda kostanti tat-talbiet ta' reġistrazzjoni tal-istudenti tal-kategorija 1 ġabet magħha spazji addizzjonali. Ċerti EE huma kkonfrontati minn sitwazzjoni gravi ta' popolazzjoni eċċessiva li ggħib magħha diffikultajiet prattiċi ta' kuljum. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari tal-iskejjel ta' Brussell, il-Lussemburgu, Frankfurt u Varese.

Filwaqt li wieħed iqis iż-żieda fl-għadd ta' tfal tal-persunal tal-UE u l-evoluzzjoni prevedibbli tal-għadd ta' studenti fis-snin li ġejjin, is-CS tal-EE ddeċieda f'April 2010 li jitlob lill-Awtoritajiet Belġjani biex jipproponu sit għall-ħames EE fi Brussell. L-istima taċ-ċifri turi li minkejja l-ftuħ ta' Laeken f'Settembru 2012, hija meħtieġa l-ħames EE fi Brussell mill-2015.

Is-Segretarjat Ġenerali tal-EE baġhat ittri bosta drabi lill-awtoritajiet Belġjani fl-2011 fejn talab li jipproponu siti adattati għall-ħames EE fi Brussell. Matul is-sena 2011, il-Kummissjoni insistit quddiem l-awtoritajiet Belġjani sabiex jibdeu in-negozjati għall-post tal-ħames EE u sabiex il-post ikun viċin iż-żoni prinċipali tad-djar tal-persunal u tal-uffiċini tal-persunal tal-istituzzjonijiet Ewropej. Mal-ħatra tal-Prim Ministru Belġjan Elio Di Rupo f'Diċembru 2011, il-Viċi President Šeřčoviċ baġhtlu ittra fejn talbu b'mod partikolari biex jibda n-negozjati bil-għan li jipproponi siti għall-ħames EE. Saru kuntatti bilaterali mal-awtoritajiet Belġjani, wara t-tieni ittra tal-Viċi President lill-Prim Ministru, iżda ma waslet l-ebda tweġiba uffiċjali li tindika proposta.

L-EE tal-Lussemburgu II, fejn il-kapaċità se tkun ta' 3000 student, se tiċċaqlaq għas-sit permanenti ta' Bertrange/Mamer għas-sena skolastika 2012. Il-ftuħ ta' din l-iskola kbira bit-tagħmir modern se jtejjeb konsiderevolment il-ħajja ta' kuljum tal-popolazzjoni skolari kollha li sa issa kienet tinsab f'sit wieħed biss.

L-EE ta' Brussell IV, li se tkun tista' tilqa' fiha madwar 2800 student, se tiċċaqlaq ukoll għal sit tagħha permanenti ta' Laeken f'Settembru 2012. Ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u ta' bini fuq is-sit, li jirrappreżentaw proġett arkitettoniku konsiderevoli, mexjin skont il-pjan previst.

L-istudenti tal-EE ta' Brussell IV li bħalissa qegħdin temporanjament f'Berkendael se jiġu trasferiti għal Laeken fis-sena skolastika 2012. L-iskola qed tagħmel sforzi kbar, fl-aspetti prattiċi kif ukoll fl-involvement tal-istudenti, sabiex din il-bidla taħdem fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli.

4.4. Il-qsim tal-ispejjeż bejn l-Istati Membri

Fl-2011, b'ammont ta' EUR 164 miljun, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għas-sistema tal-EE rrappreżentat kważi 60 % tal-baġit totali.

Il-kontribuzzjoni tal-UE hija sussidju ta' bilanċ u jiddependi mill-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-ġhalliema sekondati li jkomplu jirċievu s-salarju nazzjonali tagħhom. Wara xi snin, l-ġħadd ta' karigi ta' ġhalliema sekondati mhux okkupati mill-Istati Membri żdied, u konsegwenza ta' dan kien hemm żieda fil-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE. Il-Viċi President Šefčovič intervjuja fil-Kunsill tal-Ministri inkarigati mill-edukazzjoni u indirizza ittra lill-Istati Membri f'Settembru 2011 biex ifakkarhom sabiex jonoraw l-obbligi tagħhom għal dan il-ġħan.

Filwaqt li assigura l-presidenza tal-SEE fl-2011/2012, ir-Renju Unit iddeċieda li jerġa jibda d-dibattitu dwar il-kondiviżjoni tal-piż bejn l-Istati Membri u li jagħmel din il-kwistjoni bħala waħda ta' prijorità matul is-sena ta' presidenza tiegħu. Ir-Renju Unit u l-Irlanda jridu jerġgħu jaraw l-ġħadd ta' ġhalliema sekondati tagħhom li huma jqisu b'mod partikolari għoli fir-rigward tad-domanda kbira ta' tagħlim tal-lingwa Ingliża. Fil-fatt, minħabba diffikultajiet baġitarji li qed jaffaċċjaw l-Istati Membru kollha, huwa dejjem aktar diffiċli li jintbagħtu għall-EE. Dan iġib miegħu piż finanzjarju addizzjonali għall-UE li għandha tiffinanzja lill-ġhalliema.

L-SGEE ħejjiet dokument ta' sinteżi li ġie ppreżentat lis-CSEE f'Diċembru 2011. Il-Grupp ta' Ħidma speċifiku li kien inħoloq biex jittratta din il-kwistjoni għandu janalizza s-sitwazzjoni u jipproponi soluzzjonijiet.

4.5. Tilwim

Ingħataw żewġ sentenzi wara r-rikorsi li ġew ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

L-ewwel rikors kien mill-Kummissjoni kontra r-Renju Unit (C-545/09). Il-Kummissjoni qieset li r-Renju Unit naqas mill-obbligi statutorji tiegħu u kiser il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-EE billi eskluda l-ġhalliema sekondati għall-EE minn adattazzjoni tas-salarji (għażliet ta' karriera u promozzjoni) mogħtija lill-ġhalliema impjegati fl-iskejjel nazzjonali matul il-postazzjoni tagħhom. Dan kien dwar l-ewwel rikors skont l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni tal-EE. Fi Frar 2012, il-Qorti segwit l-opinjoni tal-Avukat ġenerali u kkonkludiet favur il-Kummissjoni.

It-tieni kawża kienet dwar kwistjoni preliminari mressqa mill-Bord tal-Appell tal-EE dwar l-adattazzjoni ta' rimunerazzjonijiet ta' ġhalliema Ingliżi f'każ ta' bidliet fir-rata tal-kambju (C-196/09). Il-Qorti ddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni minħabba li l-Bord tal-Appell mhux organu nazzjonali imma jagħmel parti minn "organizzazzjoni internazzjonali".

Finalment, rikors li kellha tittieħed sentenza dwaru fl-2011, għadu qed jistenna s-sentenza. Dan huwa dwar każ ta' għalliema li ġiet reklutata lokalment li bdiet rikors quddiem tribunal nazzjonali tal-Belġju biex titlob it-trasferiment ta' paga tal-btajjel qabel l-2004. Il-ħlas innifsu tqies ammissabbli, iżda s-sentenza dwar ir-retroattività għad trid tittieħed. Din is-sentenza tista', fejn xieraq, iġġib magħha nfiq kbir għall-baġit tal-iskejjel Ewropej.

5. EVOLUZZJONI PEDAGOĠIKA U ORGANIZZATTIVA

5.1. Ir-riforma tal-baċċellerat Ewropew

Fil-qafas tar-riforma tal-2009 u tal-bidu tas-sistema tal-iskejjel Ewropej, is-CSEE xtaqet tissimplifika u tnaqqas l-ispejjeż tal-baċċellerat Ewropew filwaqt li żżomm il-livell għoli ta' kwalità tagħha. Is-CSEE ta' April 2011 adotta deċiżjonijiet bil-għan li jissimplifikaw l-organizzazzjoni tal-eżami, sabiex inaqqsu l-ispejjeż u jirrevedu l-kontenut tagħhom. Barra minn hekk, is-CS f'Diċembru 2011 adotta reviżjoni tal-modalitajiet ta' korrezzjoni tal-eżamijiet bil-miktub tal-baċċellerat Ewropew (b'mod partikolari kopji anonimi) kif ukoll tal-għamla, l-għadd u l-piż tal-eżamijiet bil-miktub u dawk orali.

Dawn il-modalitajiet għandhom jiġu integrati fir-regolament tal-baċċellerat Ewropew u fir-regolament ta' implimentazzjoni qabel jidħol fis-seħħ mis-sessjoni tal-2014.

5.2. Azzjonijiet favur studenti bi bżonnijiet speċjali (SEN)

Is-sena skolastika 2010/2011 għandha 619-il student fi ħdan is-sistema tal-EE, li jirrappreżentaw żieda meta mqabbla mas-snin preċedenti (477 fl-2008/2009, 574 fl-2009/2010). Id-deċiżjonijiet tas-CS tal-EE f'April 2011 biex joħolqu kategorija ġdida ta' persunal bl-isem "Assistent għall-SEN", kif ukoll biex jiġbru f'daqqa studenti li għandhom l-istess tip ta' diffikultajiet għal-lezzjonijiet ta' appoġġ għall-SEN, ippermettew li jirrazzjonalizzaw l-użu ta' riżorsi dedikati għall-istudenti SEN u jillimitaw l-ispiża totali ta' appoġġ SEN għal EUR 4 526 927 fl-2011, jiġifieri EUR 180 988 inqas meta mqabbel mal-2010.

5.3. Organizzazzjoni ta' korsijiet u struttura tal-istudji

L-aċċettazzjoni tal-baġit 2011 mis-CSEE kien kundizzjonali għat-tweqqif tal-miżuri bil-għan li jikkontrollaw l-evoluzzjoni tal-ispejjeż. Konsegwenza ta' dan, waqt laqgħa tiegħu f'April 2011, il-Kunsill superjuri adotta miżuri ġodda biex jikkjarifika u jagħti dettalji dwar ir-regoli ta' organizzazzjoni tal-korsijiet u tal-għażliet⁶ (b'mod partikolari d-daqs tal-gruppi għat-tagħlim tal-lingwi, tal-"ONL"⁷), u tat-tagħlim lis-SWALS.

Dawn id-deċiżjonijiet ippermettew li jassiguraw organizzazzjoni aktar effiċjenti tat-tagħlim, u jinkisbu l-ekonomiji meħtieġa fil-kuntest baġitarju attwali.

⁶ Dokument . 2011-04-D-7-fr-3 ("Deċiżjonijiet tas-CS tal-EE ta' April 2011, il-Kapitolu IX, il-punt B.4) ippubblikat fuq is-sit tal-EE: http://www.eursc.eu/fichiers/contenu_fichiers1/1664/2011-04-D-7-fr-3.pdf

⁷ ONL: Other National Language (Irlandiż, Malti, Finlandiż/Svediż)

6. SFIDI GĦALL-FUTUR

Il-kontroll tal-baġit filwaqt li tinżamm il-kwalità tat-tagħlim, kif ukoll il-qsim ġust tal-ispiża tal-EE bejn l-Istati Membri, huma l-isfidi ewlenin tas-snin li ġejjin biex jassiguraw is-sostenibbiltà tas-sistema tal-EE.

L-EE għandhom ikomplu jikkontrollaw il-baġit tagħhom u jekonomizzaw filwaqt li jiggarrantixxu l-kwalità tat-tagħlim. Il-Kummissjoni taqbel mat-tħassib tal-atturi kollha tal-SEE li jżommu l-essenzjal tal-kontenut pedagoġiku u jassiguraw li l-istudenti jirċievy livell ta' edukazzjoni li jagħtihom aċċess għat-tagħlim superjuri tal-għażla tagħhom wara l-baċċellerat.

L-Istati Membri għandhom isibu soluzzjonijiet sabiex jaslu għal ftehim dwar il-qsim tal-ispejjeż li jibbilanċja mill-ġdid il-piżijiet bejniethom. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex tinsab soluzzjoni dejjiema.

Il-Kummissjoni se tkompli tinsisti mal-awtoritajiet Belġjani biex tikseb sit għall-ħames EE ta' Brussell sal-2015, b'tali mod li tkun tista' twieġeb għall-evoluzzjoni tal-popolazzjoni u tissodisfa d-domandi ta' reġistrazzjoni li kulma jmur qegħdin dejjem jżiedu. Id-diskussjonijiet dwar il-ftuħ tal-EE ta' Laeken urew l-impatt tal-lokalizzazzjoni tal-iskola dwar l-ekwilibru bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja familjari għall-membri tal-persunal tal-UE li għad ma għandhomx il-possibbiltà li jibagħtu lit-tfal tagħhom ġo skejjel lokali. Il-ħames EE għaldaqstant għandha tkun viċin żoni prinċipali ta' abitazzjoni u ta' uffiċini tal-persunal tal-istituzzjonijiet Ewropej.

Finlament l-iżvilupp tal-ftuħ ta' sistema tal-EE se jippermetti lil skejjel nazzjonali li jipproponu cursus tal-EE li jwasslu għall-baċċellerat Ewropew. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-istudenti li l-ġenituri tagħhom huma parti mill-persunal tal-UE għandhom jinkoraġixxu lill-Istati Membri biex jitolbu l-akkreditazzjoni tal-iskejjel nazzjonali u jippermettu lil bosta studenti sabiex jibbenefikaw minn cursus tal-EE u mill-baċċellerat Ewropew rikonoxxut fl-Istati Membri kollha.